MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Numru 1099/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Philip Borg**
**Johann Cilia**
**Corinne Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Philip Borg ta' 36 sena, iben Emanuel u Josephine nee` Caruana, imwieled fl-24 ta' Gunju, 1969 fil-Pieta` detentur ta' karta tal-identita` Maltija bin-numru 268469M u li joqghodfil-fond numru 196, Triq Salvu Zammit, Luqa; Johann Cilia ta' 22 sena, iben il-mejjet Peter u Antonia nee` Sharrot, imwieled

fit-13 ta’ Mejju, 1983 fil-Pieta`, detentur ta’ karta tal-identita` Maltija bin-numru 258783M u li joqghod fil-fond Sant’Antnin, 8, Triq Bieb il-Garra, Safi; u Corinne Grech ta’ 26 sena, bint il-mejjet Anthony Grech u Mary Rose nee Farrugia imwielda fit-13 ta’ Jannar 1979 fil-Pieta`, detentrici ta’ karta tal-identita` Maltija bin-numru 43779M u li toqghod fil-fond Melathron Flats/3, Triq in-Naxxar, San Gwann gew akkuzati talli:

1. fix-xhur t’Awwissu u Settembru 2005, fil-Qawra u fil-Mellieha, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe` ikkommettew serq ta’ xorb alkoholiku, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, u bil-vjolenza;
2. u talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibeighuhom jew imexxuhom, liema hwejjeg u cioe` xorb alkoholiku, gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputati kollha iddikjaraw li m’ghandhomx il-htiega ta’ avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputati kollha bl-aktar mod car dwar id-dritt taghhom li huma jkunu assistiti minn avukat u meta staqsiet lill-imputati kollha jekk jikkonfermawx id-dikjarazzjoni taghhom li m’ghandhomx htiega ta’ avukat, l-imputati kollha regghu iddikjaraw li m’ghandhomx htiega ta’ avukat.

Ra il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok RC 7 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati kollha hija akkuza alternattiva

ghall-ewwel akkuza migjuba wkoll fil-konfront tal-imputati kollha li tirrigwarda serq u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputati kollha fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jkkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija.

Rat fil-konfront ta' l-imputati kollha l-artikoli 18, 261(a) u (c), 262(b), 267, 276, 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Philip Borg, Johann Cilia u Corinne Grech, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta' l-imputati u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Philip Borg, Johann Cilia u Corinne Grech ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputati Philip Borg, Johann Cilia u Corinne Grech jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati kollha li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat

fil-Verbal tas-Seduta ta' llum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Philip Borg, Johann Cilia u Corinne Grech l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------